MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 27/2013

**Edmund Gatt Baldacchino**

**Vs**

**Malta Resources Authority**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell tar-rikorrenti **Edmund Gatt Baldacchino** li gie pprezentat quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie premess is-segwenti:-

*"Illi b'ittra datata 21 ta' April 2011 mibghuta mill-Malta Resources Authority lil Edmund Gatt Baldacchino, l-istess Awtorita` tat avviz sabiex:*

1. *cease to abstract and use groundwater from this groundwater source and*

2. *close, seal and decommission this groundwater source in accordance with the technical requirements attached to this letter within sixty days from the date of the letter*

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u qieghed jinterponi dan l-umli Appell taht l-Artikolu 34(d) tal-Kap 423.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:*

*Illi meta kien hemm is-sejha sabiex kull min ghandu borehole imur jirregistra dan il-borehole, l-esponenti mar u segwa d-direttivi moghtija lilu u l-applikazzjoni tieghu giet accettata u l-istess esponenti nghata permess bin-numru 1661/08 gewwa Villa Harruba, Trejqet San Luqa, San Pawl tat-Targa, Naxxar.*

*Illi meta l-esponenti akkwista l-art tieghu, dak iz-zmien kien kostrett skont ir-regolamenti tal-ippjanar ta' dak iz-zmien sabiex jibni biss ghoxrin fil-mija (20%) tal-art li kienet tieghu.*

*Illi bir-rizultat ta' dawn ir-regolamenti, l-esponenti kellu bilfors jaghmel gnien fit-tmenin fil-mija (80%) tar-rimanenti art tieghu u wkoll installa swimming pool.*

*Illi konsegwenza ta' dan, l-esponenti kien bilfors kostrett li jaghmel borehole halli jkun jista' jsostni dan il-gnien, liema gnien qieghed isebbah l-ambjent, jikkontribwixxi ghan-natura ta' Malta u jzomm mar-regolamenti tal-MEPA.*

*Illi di piu l-esponenti jaqsam dan il-borehole mal-gar tieghu u bhala fatt kienu t-tnejn li ssottomettew applikazzjoni ghal din il-borehole in kwistjoni u din il-borehole tinsab ezatt fil-konfini taz-zewg proprjetajiet u tintuza miz-zewg sidien.*

*Ukoll ghandu jirrizulta illi l-art li ghaliha tintuza din il-borehole hija ghal madwar zewg tomniet u nofs li hafna minn din l-art hija gonna.*

*Illi ghalhekk l-esponenti jhoss illi din id-decizjoni hija kemm "unreasonable" kif ukoll "it lacks proportionality" minhabba l-fatt li l-esponenti ser ikollu jibda juza bowsers sabiex jimla l-bir tieghu.*

*Ukoll il-problema tal-esponenti u dan wiehed jista' jinduna semplicement bl-indirizz hu l-fatt li l-esponenti joqghod gewwa Trejqet u ma jistax jidhol ebda bowser sabiex jimla l-bir tieghu li ghalhekk tirriafferma l-kuncett ta' "unreasonableness" tas-sitwazzjoni tieghu fil-konfront tad-decizjoni moghtija lilu.*

*Illi l-esponenti in sostenn tal-Artikolu 17 sub artiklu (d) et segwitu tal-Avviz Legali 241 tas-sena 2010 qieghed ukoll izomm ma' dawn il-kundizzjonijiet.*

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti qieghed juza dan l-ilma ghal skopijiet domestici principalment ghat-tisqija tal-gnien, illi l-esponenti ma juzax aktar minn wiehed metru kubu-il gurnata u li probabbli l-ilma jigi minn perched aquifer.*

*Illi ghalhekk l-esponenti jikkwalifika sabiex ikollu meter li jkun regolat halli l-esponenti jkun jista' jsostni l-pozizzjoni tieghu, liema pozizzjoni ilha hekk ghal dawn l-ahhar snin.*

*Illi ma jistax wiehed jippretendi li minn gnien mantenut u matur jispicca li jkollu art li xejn ma jista' jikber fuqha.*

*Illi ghall-grazzja tal-argument, jekk l-esponenti ma jistax itella' ilma mill-borehole tieghu, irid jara kif ser jimla l-bir tieghu bil-konsegwenza li jekk jimla dan il-bir minn xi fond iehor, anke bi hlas, ikun qieghed jaghmel l-istess haga imma minn sors differenti u ghalhekk hija "unreasonable" li jigi mgieghel jaghlaq il-borehole tieghu.*

*Illi fl-ambitu ta' dan l-Appell, l-esponenti qieghed jitlob sabiex dan l-Onorabbli Bord jaghti decizjoni temporanja sabiex tigi sospiza d-decizjoni tal-Malta Resources Authority sakemm tigi finalment deciza minn dan l-Onorabbli Bord tal-Appell u dan sabiex issir il-gustizzja u l-esponenti ma jbatix ebda pregudizzju.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li jistghu jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, filwaqt li jinterponi appell mid-decizjoni datata 21 ta' April 2011*

*moghtija mill-Malta Resources Authority fejn gie ordnat li jaghlaq il-borehole li kien irregistrat u filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha tal-kawza u filwaqt li jirriserva li jressaq dawk ix-xhieda u l-evidenza kollha skont il-ligi, jitlob bir-rispett lil dan l-Bord tal-Appell sabiex joghgobha thassar u tirrevoka d-decizjoni datata 21 ta' April 2011 fejn ordnat lill-esponenti jaghlaq u jissigilla l-"groundwater source" u minflok tawtorizza lill-esponenti jkompli juza dan il-"groundwater source" taht dawk il-kundizzjonijiet li dan l-Onorabbli Bord tal-Appell joghgbu jordna."* [1]

Ra r-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi pprezentata quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Rizorsi fejn gie eccepit is-segwenti:-

*"1. Illi preliminarjament ir-rikors tal-appell ma sarx skont ir-rekwiżiti tal-liġi, jiġifieri skont kif meħtieġ mir-regolament 10 (1) tar-Regolamenti dwar il-Proċedura tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Riżorsi, li tassativament u bla ebda deroga jipprovdi li l-appellant għandu jagħmel anness mar-rikors tiegħu kopja tad-deċiżjoni li jkun qiegħed jappella. Dan l-appellant ma għamlux u għaldaqstant l-Awtorità titlob lil dan l-Onorabbli Bord li jiċħad it-talbiet rikorrenti u li tillibera mill-osservanza lill-Awtorità appellata.*

*2. Illi bla preġudizzju għall-premess suespost l-appellant jgħid li huwa kellu fil-fors jagħmel ġnin fit-tmenin fil-mija (80%) u jibni biss għoxrin fil-mija (20%) tar-rimanenti art tiegħu u ukoll installa swimming pool. Illi r-relevanza ta' dan il-fatt mhijiex elaborata u spjegata mill-appellant fir-rikors tiegħu.*

*Illi ħadd ma kkostrinġa lill-appellant li jagħmel swimming pool u li jħaffer borehole fil-ġnien tiegħu u lanqas ma huwa ċar liema ċirkostanzi u "regolamenti" tal-MEPA kkostringew lill-appellant li jagħmel dan.*

*Illi l-liġi li segwiet l-Awtorità meta ordnat l-għeluq tal-borehole (ir-Regolamenti dwar*

*il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art- Dok. 1 anness) hija waħda tassativa, li tiddisponi kif ġej:*

*17. (1) L-Awtorità* ***għandha*** *tordna l-għeluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti ħlief għal kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art:*

*(a) li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku ieħor installat jew użat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art; jew*

[1] A fol.28

*(b) li jkun jinsab ġo fond residenzjali li ma jkunx jista' jiġi fornut bi provvista kostanti ta' ilma mill-Korporazzjoni skond ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Fornitura tal-Ilma,*

*minħabba biss li n-network pubbliku għad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*

*(ċ) li tinġieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art li jkun proprjetà kulturali taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali; jew*

*(d) li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit maħluf quddiem Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġuramenti bħala sors:*

*(i) li jkun użat biss għal finijiet domestiċi mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*

*(ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella' minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art ma tkunx teċċedi metru kubu kull jum; u*

*(iii) l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taħt l-art ikun mill- akwifer ta' fuq it-tafal."*

*Illi l-appellant ma ġab l-ebda prova li huwa jissodisfa xi wieħed mill-kriterji li setgħu eżentawh mill-ordni li ingħata mill-Awtorità biex tingħalaq il-borehole. Illi ġaladarba l-appellant ma setax jiġi eżentat minn xi raġuni imsemmija mil-liġi, l-Awtorità ma għandix triq oħra għajr li tordna l-għeluq tal-borehole.*

*Illi l-appellant jgħid li huwa "unreasonable" li jiġi mġiegħel jagħlaq il-borehole u li d-deċiżjoni "lacks proportionality" għax isibha diffiċli li jimla il-bir tiegħu minn sors ieħor.*

*Illi l-appellant jgħid li huwa "unreasonable" li huwa jieħu l-ilma minn sors alternattiv għal dak li juża illum jiġifieri mill-borehole. Illi, bla preġudizzju għal li ngħad iktar 'l fuq, apparti l-fatt li l-appellant naqas li jissustanzja l-asserzjoni li l-hardship li jista' jsofri hija rraġonevoli meta kontro-bilanċjata mal-interess pubbliku, l-appellant ukoll jinjora dak li huwa provdut mir-Regolamenti dwar in-Notifika ta' Sorsi ta' l-Ilma ta' taħt l-Art (Dok.2 anness), jiġifieri li:*

*6. (1) In-notifika ta' sors ta' l-ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti* ***ma tagħti b'ebda mod xi dritt lil xi persuna li tinnotifika sors ta' l-ilma ta' taħt l-art skond dawn ir-regolamenti, jew lil xi utent ieħor li jtella' l-ilma minn dak is-sors****, jew li jiddisponi minn xi materjal, sew likwidu sew solidu, f'dak is-sors, jew li jżomm dak is-sors miftuħ,* ***u l-Awtorità tista' f'kull żmien tordna lil dik il-persuna jew utent li jagħlqu dak is-sors ta' l-ilma ta' taħt l-art****, minkejja illi dak is-sors ikun ġie notifikat u d-dritt għan-notifika jkun ġie mħallas skond dawn ir-regolamenti.*

*Illi però l-appellant imbagħad jikkontradixxi ruħu u jgħid li "huwa ma jużax aktar minn metru kubu il-ġurnata". L-Awtorità tqis li mhuwiex "unreasonable" li l-appellant jirrikorri għal sorsi oħra alternattivi għal fini li jimla is-swimming pool tiegħu u għat-tisqija tal-ġnien u li jkunu jistgħu faċilment ikopru l-bżonnijiet tiegħu, bħal ma tista' tkun il-kostruzzjoni ta' reservoir li jiġbor l-ilma.*

*Illi huwa risaput li deċiżjoni amministrattiva titqies bħala "unreasonable" meta tkun 'beyond the range of responses open to a reasonable decision maker' (R. v. Minister of Defence ex parte Smith [1996] 1 All ER 257 at 263–4; kif ukoll R. v. Chief Constable of Sussex ex parte International Traders Ferry Ltd [1999] 1 All ER 129 at 157). Illi d-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità mhux talli kienet raġonevoli fil-konfront tal-appellant iżda kienet ukoll l-unika triq ta' azzjoni li setgħat ħadet skont dak li huwa kontemplat mir-regolament 17 tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li tirriżerva li tressaq sottomissjonijiet, xiehda u provi dettaljati in sostenn tar-risposta u l-pożizzjoni tagħha, l-Awtorità esponenti titlob bir-rispett li l-Bord tal-Appelli, jogħġbu għar-raġunijiet premessi u għal dawk li jistgħu jirriżultaw ulterjorment waqt is-smiegħ tal-appell, jirrifjuta t-talbiet tal-appellant u li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità fil-konfront tal-appellant."*[2]

Ra illi dan l-appell gie assenjat lil dan it-Tribunal sussegwentement ghad-dhul *in vigore* tal-Avviz Legali 148 tal-2012 fejn dan it-Tribunal sar kompetenti jisma' appelli minn decizjonijiet tal-Awtorita` intimata, inkluz dawk li kienu ghadhom pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra l-atti kollha, inkluz dawk sottomessi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi;

Ra l-verbal maghmul mill-partijiet fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2013 fir-rikors numru 25/2013 fl-ismijiet "Simon Gatt Baldacchino vs Malta Resources Authority" u cioe illi dik il-kawza ghandha mertu identiku ghar-rikorsi odjern u ghal dak bin-numru 27/13 u li ghalhekk il-provi li jingabru f'dik il-kawza, hlief ghall-pjanti u ritratti tal-fondi relattivi u x-xhieda tar-rikorrenti nfushom, ghandhom japplikaw ghall-imsemmija rikorsi;

---

[2] A fol. 4

Sema’ x-xhieda tar-rikorrenti,[3] ta’ Joe Zammit Tabona,[4] ta’ Dr. Andre Buttigieg,[5] ta’ Anthony Rizzo[6] u ta’ Miriam Micallef Sultana.[7]

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b’decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 21 ta’ April 2011 permezz ta’ liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*“I refer to your registration/notification no 1661/08, groundwater source at Villa Harruba, Trejqet San Luqa, Naxxar.*

*Regulation 17 of the Groundwater Abstraction (Metering) Regulations (Legal Notice 241 of 2010) requires that the Authority orders the closure of domestic groundwater sources.*

*The Authority is hereby serving you with a formal notice to:*

*(i)* *cease to abstract and use groundwater from this groundwater source and*

*(ii)* *close, seal and decommission this groundwater source in accordance with the technical requirements attached to this letter within 60 days from the date of this letter.*

[3] A fol. 67 sa 70
[4] A fol. 73 sa 77
[5] A fol. 70A sa 70C
[6] A fol. 78 sa 82
[7] A fol. 87 sa 88

*You are also required to submit to the Authority a declaration and a detailed method statement certified by a Perit within 60 days from the date of this letter, confirming that this groundwater source has been closed in accordance with these technical requirements.*

*The Authority reserves the right to carry out inspections and verifications on site to confirm that the groundwater source has been closed, sealed and decommissioned in accordance with this formal notice."*[8]

Illi jkun opportun li t-Tribunal jibda biex jissorvola l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u cioe li li l-appell ma sarx skond ir-Regolament 10 (1) tar-Regolamenti dwar il-Procedura tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi u cioe li mad-decizjoni appellata ma kienx hemm annessa d-decizjoni tal-istess Awtorita`. Illi t-Tribunal josserva illi ma ngabet l-ebda prova dwar dak sottomess mill-Awtorita` intimata. Minn dak li jista' josserva t-Tribunal fl-inkartament li kien pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Rizorsi jirrizulta illi ezatt wara l-appell tar-rikorrent hemm id-decizjoni tal-Awtorita` intimata appellata. Jekk din tpoggietx hemm kumbinazzjoni jew inkella kinitx annessa *ab initio* mar-rikors it-Tribunal ma jistghax jghid. Jibqa' l-fatt pero li anke li kieku l-imsemmija decizjoni ma kinitx annessa, mill-korp tal-appell jirrizulta ben car mil-liema decizjoni r-rikorrenti kien qieghed jappella. Illi ghalhekk, anke in linea mad-diversi sentenzi tal-Qrati taghna, u anke in osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li fejn att jista' jigi salvat, dan ghandu jigi hekk salvat, din l-ewwel eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Illi l-eccezzjonijiet rimanenti tal-Awtorita` intimata jirrigwardaw il-mertu proprju.

Illi **r-rikorrent** spjega illi fil-konfini ta' bejn il-proprjeta` tieghu u dik adjacenti, li tappartjeni lil Joe Zammit Tabona, kienu ghamlu *borehole* u li mill-ilma li jigi estratt minnha jigu msoqqija l-gonna li jdawwru l-istess proprjetajiet. Huwa

[8] A fol. 31

spjega li *bowser* m'ghandux minn fejn jitla' biex jaghtihom servizz. Huwa tenna li huwa kien lest li jhallas ghall-ilma estratt jekk dan jigi mkejjel.

**Joe Zammit Tabona** spjega illi huwa ghandu *borehole* komuni mar-rikorrent. Jghid li l-entratura ghad-dar tieghu tigi f'*bottle neck* u la tista' tidhol ambulanza, la *bowser* u lanqas *fire engine*.

**Dr. Andre` Buttigieg**, in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata, spjega li l-applikazzjoni tan-notifika ta' sors ta' ilma ta' taht l-art tar-rikorrent kienet giet registrata fid-database tal-Awtorita`. Spjega li l-iskop ta' dan il-process kien li tittiehed informazzjoni minghand il-pubbliku dwar *boreholes* ezistenti pero dan ma kienx ifisser li min ikun applika ghar-registrazzjoni jinghata xi dritt biex itella' l-ilma. Huwa spjega li l-applikazzjoni kienet bi hlas biex jigu koperti spejjez amministrattivi.

**Anthony Rizzo**, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` intimata, spjega li r-rikorrent kien ghamlet notifikazzjoni tal-*borehole* tieghu u li l-pagament mitlub mill-Awtorita` kien sabiex ikopri spejjez amministrattivi. Spjega wkoll illi persuna li ghandha gnien ta' inqas minn elf metru kwadru ma jistghax ikollu *borehole* ghalkemm jistqarr illi fil-kaz odjern gie infurmat illi l-*borehole* in kwisjtoni kienet qed tissuplixxi zewg gonna.

**Miriam Micallef Sultana** spjegat li r-rikorrent kien ghamel notifikazzjoni tas-sors tal-ilma ta' taht l-art f'Novembru tal-2008. Spjegat ukoll illi r-rikorrent kien gie verbalment infurmat illi jekk huwa ghandu gnien domestiku ta' iktar minn elf metru kwadru allura seta' jinforma lill-Awtorita` b'dan permezz ta'dikjarazzjoni ta'perit u l-*borehole* tigi mkejjla u mhux maghluqa. Spjegat li l-Awtorita` intimata hadet id-decizjoni li r-rikorrent kellu jaghlaq il-*borehole* in kwistjoni stante li hu qatt ma baghtilhom l-informazzjoni rikjesta u li gie ordnat jaghlaq is-sors tal-ilma ta' taht l-art peress li kien sors domestiku. Mistoqsija jekk l-Awtorita` intimata haditx in konsiderazzjoni li l-*borehole* in kwistjoni

kienet qed tissuplixxi zewg residenzi, ix-xhud spjegat illi l-Awtorita` tikkunsidraha abbazi ta’ residenza wahda ghax il-ligi titkellem fuq residenza wahda.

Illi qabel ma t-Tribunal jidhol fil-mertu tal-kwistjoni tajjeb li jippreciza liema regim kien japplika ghall-kaz in kwistjoni meta nghatat id-decizjoni tal-21 ta’ April 2011. Illi fl-2010 gie *in vigore* l-Avviz Legali 241 u cioe r-Regolamenti tal-2010 dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taht l-Art. Dawn ir-Regolamenti imbaghad gew sussegwentement emendati permezz tal-Avviz Legali 59 tal-2012 u l-Avviz Legali 70 tal-2013.

Illi ghalhekk jirrizulta li dan it-Tribunal irid jezamina d-decizjoni appellata fid-dawl tar-Regolamenti *in vigore* dak iz-zmien u cioe skond l-Avviz Legali 241 tal-2010 (Regolamenti tal-2010 dwar il-*Metering* tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art).

Illi iktar minn hekk, l-Att dwar l-Awtorita` Ta’ Malta Dwar ir-Rizorsi, jistipula li dan it-Tribunal ghandu kompetenza jisma’ appelli minn kull decizjoni tal-Awtorita` ghal kull wahda mir-ragunijiet li gejjin:

**(a) Li jkun sar zball materjali dwar il-fatti;**
**(b) Li kien hemm zball materjali fil-procedura;**
**(c) Li jkun sar zball fil-ligi;**
**(d) Li kien hemm xi illegalita` materjali, inkluza l-irragonevolezza jew nuqqas ta’ proporzjonalita`.**

Illi mill-korp tal-appell u min-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti jirrizulta illi r-raguni principali tal-appell hija msejsa fuq il-fatt li d-decizjoni in kwistjoni kienet **irragjonevoli u nieqsa mill-proprorzjonalita`.** Ir-rikorrent jispjega illi huwa joqghod go trejqa u ma jista’ jidhol l-ebda *bowser* u ghalhekk jishaq li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata, tenut kont ta’ din is-sitwazzjoni kienet irragjonevoli. Huwa jispjega wkoll illi kien kostrett jaghmel *borehole* halli jkun

jista’ jsostni l-gnien tieghu, liema gnien ta’ bilfors kellu jkun tal-proporzjon li hu in adezjoni mal-permessi tal-MEPAu li ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita` kienet sproporzjonata meta wiehed iqis l-uzu li r-rikorrent kien qieghed jaghmel minnu.

Illi l-Avviz Legali 241 tal-2010 f’Regolament 3 jipprovdi illi **s-sorsi kollha tal-astrazzjoni tal-ilma ta’ taht l-art:**

*“(a) li gew imhaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955;*

*Izda dawk is-sorsi ta’ilma ta’ taht l-art biss li, skond id-dokumenti tal-Awtorita`, jidhru li gew imhaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955 ghandhom jigu kunsidrati mill-Awtortia` li gew hekk mhaffra jew imkabbra; jew*

*(b) li gew registrati b’mod validu bhala sorsi ta’ ilma ta’ taht l-art skond ir-Regolamenti tal-1997 dwar ir-Registrazzjoni ta’ Sorsi tal-Ilma ta’ Taht l-Art; jew*

*(c) li gew notifikati b’mod validu bhala sorsi ta’ilma ta’ taht l-art lill-Awtorita` skond ir-Regolamenti tal-2008 dwar in-Notifikazzjoni ta’ Sorsi tal-ilma ta’ Taht l-Art; jew*

*(d) li kienu qed jigu wzati jew li gew mibnija qabel id-dhul fis-sehh tal-Att dwar l-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi, u li qeghdin jintuzaw mill-Korporazzjoni,*

***Ghandhom ikunu mkejla b’meter mill-Korporazzjoni jew mill-kuntrattur imqabbad minnha u hekk kif ordnat mill-Awtorita.”***

Illi ghalkemm dan ir-Regolament meta wiehed jaqrah jaghti l-impressjoni li kull min jaqa’ f’xi wahda mill-kategoriji tieghu, kif inhu l-kaz tar-rikorrent stante li huwa kien innotifika s-sors tieghu fl-2008, allura kien se jkollu s-sors tieghu imkejjel, dan ma hux il-kaz. U dan ghaliex f’Regolament 17 tal-istess Avviz Legali hemm indikat numru ta’ kwalifiki li jekk is-sors tal-ilma ta’ taht l-art kien

wiehed **domestiku** allura ried ikollu cirkostanzi partikolari biex l-Awtorita` tippermetti li jibqa' miftuh.

Jirrizulta illi f'dan il-kaz, l-Awtorita` intimata proprju waslet ghad-decizjoni taghha abbazi tal-imsemmi Regolamenti 17 (1) tal-Avviz Legali 241 tal-2010 li jghid is-segwenti:

*"L-Awtorità **għandha tordna l-għeluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art**[9] fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti ħlief għal kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art:*

*(a) li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku ieħor installat jew użat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art; jew*

*(b) li jkun jinsab ġo fond residenzjali li ma jkunx jista' jiġi fornut bi provvista kostanti ta' ilma mill-Korporazzjoni skond ir-Regolamenti tal-1948 dwar il-Fornitura tal-Ilma, minħabba biss li n-network pubbliku għad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*

*(ċ) li tinġieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art li jkun proprjetà kulturali taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali; jew*

*(d) li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit maħluf quddiem Kummissjunarju b'setgħa li jagħti Ġuramenti bħala sors:*

*(i) li jkun użat biss għal finijiet domestiċi mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*

*(ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella' minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art ma tkunx teċċedi metru kubu kull jum; u*

*(iii) l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taħt l-art ikun mill- akwifer ta' fuq it-tafal."*

Illi *"sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art"* hu definit fl-istess Avviz Legali bhala *" kull sors ta' ilma ta' taħt l-art li jkun jinsab ġo fond residenzjali u fejn l-ilma ta' taħt l-art ikun jintuża għal skopijiet tad-dar, jew għall-mili ta' swimming pools, jew għat-tisqija ta' ġnien domestiku, jew biex jixorbu l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi iżda ma tinkludix maħleb, qasam fejn jitrabbew il-ħnieżer, tjur jew rziezet ta' fniek jew xi użu ieħor intensiv jew kummerċjali; "*

[9] Enfasi tat-Tribunal

Illi t-Tribunal jinnota, ghalhekk, illi sabiex is-sors domestiku ta’ ilma ta’ taht l-art tar-rikorrent seta’ jigi ezentat mill-gheluq tieghu huwa kellu jaqa’ f’xi wahda mill-kategoriji elenkati iktar ‘il fuq. Illi t-Tribunal ma jqisx mill-provi prodotti illi s-sors tar-rikorrent jista’ b’xi mod jikkwalifika ghall-ezenzjoni mill-gheluq taht ir-Regolament 17 ((1) (a), (b), u (c). Illi fir-rigward is-subregolament (d), it-Tribunal jirrileva illi dak li r-rikorrent seta’ xehed quddiem dan it-Tribunal certament ma jistghax jirrimpjazza dak li kien rikjest minnu taht l-istess Subregolament u cioe li c-cirkostanzi hemm elenkati iridu jigu dikjarati lill-Awtorita` intimata permezz ta’ affidavit mahluf. Dan it-Tribunal irid jezamina d-decizjoni tal-Awtorita` intimata fid-dawl ta’ dak li kien gie sottomess quddiemha qabel hadet id-decizjoni taghha. Dan it-Tribunal ma jistghax jikkonsidra cirkostanzi u fatti li ma kinux gew prodotti quddiem l-Awtorita`. Dan maghdud, it-Tribunal huwa tal-fehma illi lanqas f’dawn il-proceduri r-rikorrent ma ghamel prova sodisfacenti ta’ ghall-inqas tnejn mit-tlett rekwiziti kumulattivi elenkati fis-sub-regolament 17 (1) (d) tal-Avviz Legali 241 tal-2010 u cioe illi l-ilma li jittella ma jeccedix il-metru kubu kuljum u wkoll li l-ilma mtella jigi hekk estratt mill-akwifer ta’ fuq it-tafal. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda gusta la s-sors tar-rikorrent ma kienx jikkwalifika li jibqa’ miftuh taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi elenkati fic-citat Regolament.

Illi fl-ahharnett, it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax illi mill-provi prodotti, jirrizulta illi m’hemm l-ebda tip ta’ diffikulta ghall-access ghar-residenza tar-rikorrent stante li kif jirrizulta mill-*aerial photo* esebit mir-rikorrent stess u mmarkat Dok JZT1 a fol. 72 tal-process jidher car li l-access ghar-residenza tar-rikorrent huwa minn trejqa mdaqqsa li sahansitra joqoghdu zewg vetturi ipparkjati u hemm spazju bejniethom. Certament ghalhekk li *bowser* jista’ jidhol facilment biex jipprovdi l-ilma fl-imsemmija residenza. Jirrizulta wkoll illi l-istess access ghat-trejqa fuq imsemmija huwa minn trejqa ohra li wkoll ma jirrizultax li hemm xi diffikulta` partikolari biex jghaddi *bowser* minnha. Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jikkondividix is-sottomissjoni tar-rikorrent illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda irragjonevoli u sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi. Illi, min-naha l-ohra, dan it-Tribunal jifhem l-argument tar-rikorrent illi jekk is-sors tal-ilma tieghu jigu maghluq

huwa se jkolli jirrikorri ghal *bowser* sabiex jigi supplit bl-ilma u li l-istess *bowser*, min-naha tieghu, se jtella' l-ilma minn sors ta' ilma ta' taht l-art. Madankollu, it-Tribunal ma jistghax imur kontra d-disposizzjonijiet tal-istess ligi u sakemm id-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet *in linea* mal-istess, it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni valida ghala din ghandha tigi revokata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, filwaqt li qieghed jirrespingi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, qieghed jilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taghha u konsegwentement jichad l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------